Kunsill Lokali Marsaskala
228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsaskala**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa Numru 44**

**L-Erbgha 14 ta' Dicembru 2022.**

Il-Kunsill Lokali Marsaskala għamel din is-seduta online (live streamed) minħabba it-tixrid tal-Covid 19 fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREZENTI:**

Mario Calleja – Sindku
John Schembri – Kunsillier
Janice Falzon – Viċi Sindku
Charlot Mifsud – Kunsillier
John Baptist Camilleri- Kunsillier
Patrick Camilleri-Kunsillier
Mary Rose Mifsud- Kunsillier
John Schembri - Kunsillier
Errol Cutajar – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**

**ASSENTI:**
Ryan Portelli- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREZENTI:**

Josef Grech – Segretarju Ezekuttiv

**44.1** ***<u>Qari t'aploġija:</u>***

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ma kienx hemm ittri ta apoloġija.

**44.2.1** ***<u>Kunsiderazzjoni u Approvazjoni tal-Minuti: Laqgħa 43 li saret Nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2022:</u>***

**44.2.1.1** Ik-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 9 artiklu 43.9 u qal illi għandha titneħħa s-sentenza:

''Ma kien hemm l-ebda mozzjoni''.

**44.2.1.2** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri talab biex paġna artiklu 43.9.3 ikun emendat hekk kif ġej.

''Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier is-Sur John B Camilleri u s-sekondata mis-Sindku s-Sur Mario Calleja (117-9/11/22):''

**Il-minuti ġew unanimament approvati hekk kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

***Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar ippropona l-approvazzjoni tal-minuti bħala dokument korrett u ssekonda il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**44.2.2** ***<u>Matters Arising tal-laqgħa 43 li saret Nhar it-Tnejn 14 ta' Novembru 2022.</u>***

**44.2.2.1** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem fuq paġna 2 artiklu 43.2.1 jiġi irranġat l-isema Onor Stefan Zrinzo għal Onor Stefan Farrugia Zrinzo kif ukoll qal illi rigward il-fondi tad-DPF u ġie infurmat mill-PA tal-Ministru s-Sur Charles Buhagiar fejn qallu illi l-Perit Rita Abela qed taħdem sabiex dawn il-fondi jaslu għand il-Kunsill.

**44.2.2.2** Is-Sindku s-Sur Mario Calleja tkellem 42.1.3 paġna 2 hu qal illi l-iskart tal-iskola ser jinġabar it-Tnejn minflok is-Sibt.

**44.2.2.3** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq artiklu 43.2.2.3 paġna 3 u staqsa jekk kellnix xi zviluppi fuq dan is-suġġett.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu qed jistenna BOQ's dettaljati mingħand l-enġineer tal-Kunsill sabiex ikun jistgħa jagħmel laqgħa mall-Ministeru tas-saħħa fejn b'hekk nkunu nistgħu nuruwhom in-nefqa ta'€30 000 fiex kienet mqassma u jekk ma jaqblux li jħallsu din iċ-ċfra f'daqqa hu diġa ppropona li minflok kirja ta €7000 din titla għal € 10 000 fix-xahar biex tkopri l-ispejjez.

**44.2.2.4** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq paġna 6 artiklu 43.3.6 u staqsa jekk dan ir-reklam tal-Milied Skaliz sarx għaliex jekk le daqt jiskadi iz-zmien.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu rah dan ir-reklam.

**44.2.2.5** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri tkellem fuq artiklu 43.7.5 paġna 9 fejn kien hemm diskussjoni fuq il-latrina u kien indikat illi l-lattrini huma tal-Cleansing Department u xtaq isaqsi jekk dan hux vera.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Lattrini Pubbliċi jaqgħu taħt il-Cleansing Department għaliex it-titlu tal-post jgħajjat lilhom filwaqt li l-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni tagħhom kif ukoll l-imaniġjar tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm minnhom li ħallsu l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tagħhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi l-Kunsill ma jħallasx il-kontijiet tad-dawl u ta l-ilma ta' l-ebda lattrina.

**44.2.2.6** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 10 artiklu 43.9.4 rigward il-vann li l-Kunsill qed jistaqsi għalih ma TM peress illi r-rotta ta tal-linja mhux qed tkun bizejjed għal dawk li jridu jmorru l-Universita' jew lejn il-Belt.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi rigward il-vann tal-elettriku tal-Kunsill dan qiegħed fil-viċin li jasal u jibda joffri servizz lill anzjani fil-komunita.' Rigward il-vann min naħa ta TM il-Kunsill bgħat korrispondenza pero għad m'għandux risposta.

**44.2.2.7** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 7 artiklu 43.3.14 hu staqsa jekk din is-soft area saritx picnic site u xtaq jistaqsi dawn il-karrijiet fejn ser jitpoġġew għaliex ma jixtieqx li jitpoġġew fuq is-simenta.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill biex jaġevola l-Għaqda Baħħara, Sajjieda u Dilettanti konna għednilhom illi fi tlett xhur tas-sena min irid ikun jistgħa jitfa l-karru f'din il-biċċa waste land fejn kienet ser tittieħed minn ''Sadeen group'', hu qal illi hu meta ġie avviċċinat mill-Ministeru fejn huma ħasbu li dawn tefaw il-karrijiet bl-addoċċ pero hu kien infurmhom illi għalkemm l-Kunsill m'għandu l-ebda titlu tal-art kien isuġerixxa li juzaw dik l-art. Hu qal illi on paper l-affarijiet huma mod u meta tmur fuq il-post induna li kienu ħadu ħafna mill-ispazju umbad kellhom jersqu l-isfel u rbaħna nofs l-art u din l-area ser tiġi mizruwa u tiġi picnic area. Is-Sindku is-Sur Mario Calleja qal illi hu kellem lis-Segretarju tal-Għaqda u nfurmah illi dawn id-dgħajjes jistgħu jintefaw ġo boat yard jew inkella l-parti ta quddiem il-winc fejn ma kienux qed jipparkjaw fuqha infurmah illi jistgħu jutilizzawha apparti n-nofs biċċa art li jistgħu jipparkjawhom fiha u apparti min hekk fuq in-naħa tal-lemin saru tabelli min naħa tagħna fejn jistghu jintefaw 15-il karru ieħor. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja kompla jgħid illi meta l-Kunsill waħħal dawn it-tabelli bil-logo tal-Kunsill u tal-għaqda s-Segretarju tagħhom informa lis-Sindku li ma riedx li l-logo tagħhom ikun fuq it-tabella apparti min hekk jekk dawn mhux ha jaqblu ma dawn il-proposti li ma għandhom l-ebda dritt għaliex l-ebda parti mill-postijiet proposti ma għandhom jedd għalihom dawn qed jiġu offruti lilhom sabiex ngħinuhom jekk dawn ser jimpikaw il-Kunsill għandu joħroġ bye law.

**44.2.2.8** Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri staqsa fuq paġna 7 artiklu 43.3.16 fiex wasalna rigward il-parkeġġ ta' taħt l-iskola.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem mall-Prinċipal u qallu li għandu jinforma lill Pubbliku li l-kuntratt lest u fil-ġranet li ġejjien ser jiġi iffirmat.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb li hemm proġress għaliex ma jridx li ir-residenti jaħsbu li qed ngħadduhom biz-zmien.

**44.2.2.9** Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa fuq paġna 5 artiklu 43.3.2 rigward il-laqgħa mall-Bolt.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-laqgħa li kellha issir kienet postposta min naħa tagħhom.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal skond il-liġi dawn jistgħu jiparkjaw fuq il-bankini basta ma jtellfux il-mobilta tan-nies u jekk ikun hemm postijiet apposta jistgħu jipparkjaw fihom jekk le jistgħu anke jipparkjaw taħt il-bankina. Huma ma jistgħux jipparkjaw f'parking bays għaliex ma jistgħux jieħdu parkeġġ ta vetturi u hemm multi min jikser dawn il-liġijiet.

Kien hemm qbil li nibgħatu reminder biex issir din il-laqgħa.

**44.2.2.10** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud tkellem fuq il-ġardinar u qal illi sa issa xorta waħda mhux qed ikollu l-programm tax-xogħolijiet min naħa tal-ġardinar.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi diġa spjega lill Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud pero ser jerġgħa jirrepeti illi l-ħsieb tal-Kunsill hu li la darba jiskadi l-kuntratt tal-ġonna m'għandux ħsieb li jinħareġ wieħed ġdid izda jibqa jaħdmu il-persuna li qed jgħamlu bħalissa li qed jgħamel xogħol impekkabli fejn anke jibgħat kuljum ritratti kemm lis-Sindku kif ukoll lis-Segretarju Ezekuttiv fejn hu infurmah ukoll li din l-informazzjoni għandu jibgħata lill Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud. Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal lill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud biex jiltaqa ma dan il-ħaddiem u jitkellem miegħu u saqsih x'ħa jkun il-pjan tiegħu pero jassigurah illi qed isir ħafna xogħol u f'dan iz-zmien sakemm jittermina l-kuntratt ezistenti dan il-ħaddiem qed jitgħallem ħafna kif ukoll ser jieħu kors biex ikun kwalifikat bħala ġardinar u ser ikun qed isir pjan ta xogħol li għandu jsiru tul ix-xhur kif ukoll qed jinxtara apparat biex ikun jistgħa jaħdem bih.

**44.2.2.11** Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud staqsa jekk il-Perit tal-Kunsill applikat għad-DNO sabiex isiru l-bankijiet għad-divers.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja informah illi l-Perita applikat diġa.

**44.3** ***<u>Komunikazzjoni mis-Sindku:</u>***

**44.3.1** **<u>Volontarjat biex isir xogħol fuq il-luzzu (35/4931/22/O):</u>**

Ser tiġi diskussa fis-sezzjoni 44.7.1

**44.3.2** **<u>Il-Kuntratt tal-ġbir tal-iskart il-ġdid:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi fil-prezent il-Kunsill għandu kuntratt tal-ġbir tal-iskart tar-residenti mall-Kuntrattur R&A fejn dan ġie iffirmat fis-26 t'Awwissu 2019, il-kuntratt sar għal erba snin skond id-direttivi tad-DLG sa dakinhar ma kellna l-ebda struzzjonijit mid-DLG jew min naħa tal-Gvern Ċentrali ta dak iz-zmien illi mit-tieni ta Jannar 2003 ir-responsalbilita tal-ġbir ta skart ser taqa taħt ir-Reġjun u mit-2 ta' jannar 2023 ir-Reġjun ser jibda jopera bil-kuntratt il-ġdid dan dejjem skond x'jiftakar is-Segretarju Ezekuttiv pero min naħa tal-Kunsill tlabna anke għajnuna l-DLG biex jekk hemm xi korrispondenza li ntbagħtet dak iz-zmien jarfuna biha u anke qed infittxu min naħa tagħna. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi d-direttur ġenerali kif ukoll ir-Reġjun qed jgħidulna li mit-2 ta' Jannar 2023 irridu naħdmu bilfors mal kuntrattur il-ġdid

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi infurmawna illi dan hu obbligu nazzjonali.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi wara li kellem lid-Direttur Ġenerali hu qallu illi minkejja dan il-Kunsill mhux ser iħallas €80 000 f'danni dan għaliex meta hu ikkomunika mall-Kuntratturi li għandna fil-prezent u infurmhom b'dan it-tibdil u li ser ikollna nwaqfu l-kuntratt min magħhom huma qalulna li ma kienx sew għaliex li kieku huma qabdu u waqfu milli jaderixxu l-kuntratt kienu ser jeħlu id-danni. Il-Kuntratturi infurmawna illi kellmu lil avukat tagħhom u ser jonoraw il-kuntratt sa Awwissu 2023 u jekk dan ma jseħħx ser jitolbu kumpens ta dawn id-disa xhur. Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi jekk hu qabel ma iffirma l-kuntratt mall-R&A ma rċieva l-ebda korrispondenza jinfurmah b'dan ser izomm lid-Dipartiment Responsabli għaliex mhux sew li l-Kunsill ikollu jidħol f'battalja legali ma kuntrattur li dejjem qdiena tajjeb.

Is Sindku is Sur Mario Calleja qal illi fil-Lokalita' tal-Iklin ser jibqa jinzamm il-Kuntrattur prezenti għal kumplament tal-kuntratt għaliex il-kuntrattur li ntgħazel mir-Reġjun ma kellux bizejjed trakkijiet biex ikoppri l-lokalitajiet kollha li huma fir-responsabilita' tiegħu. Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu tkellem mall-Kuntrattur il-ġdid is-Sur Adrian Vella li ser jieħu post il-kuntratturi tagħna u mhux lest li ma jibdix jaħdem fit-2 ta' Jannar 2022.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi jekk ser inwaqfu il-kuntratt ser inkunu qed nesponu lilna infusna għal battalja legali.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi min naħa tagħna qed nistennew din il-korrispondenza min naħa tad-Dipartiment li tindika li l-Kunsill kien magħrraf min qabel fuq dan l-arranġament ġdid u jekk dan ikun il-kaz ikollna naġixxu mod ieħor.

**44.4** **<u>Tweġibiet għal Mistoqsijiet tal-Kunsilliera:</u>**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija

**44.5** **<u>Rapporti:</u>**

**44.5.1** Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-Budget Annwal għas-sena finanzjarja 2023.

**44.6** **<u>Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa:</u>**

Ma kienx hemm items oħra ta xogħol.

**44.7** **<u>Korrispondenza:</u>**

**44.7.1** **<u>Zieda tas-Sinjura Sharon Schembri li ser tiprogressa fi skala 10 point 6:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill Kunsill illi l-impjegata is-Sinjura Sharon Schembri waslet sabiex titla fi skala point 6 jekk il-Kunsill jaqbel.

Kien hemm qbil unanimu

**44.7.2** **<u>Performance Bonus tal-ħaddiema tal-komunita' u l-RSS:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill Kunsill illi bħal ma jsir kull sena qed jipprezenta quddiem il-Kunsill il-performance bonus tal-ħaddiema tal-komunita' fejn dan sar ezerċizzju mis-Sindku flimkien ma rapprezentanta tal-kumapnija kif ukoll għal ħaddiema tal-RSS fejn ta kull sena jingħatalhom bonud għax xogħol li jkun sar matul is-sena.

Kien hemm qbil unanimu li ser jingħata lill ħaddiema tal-RSS u tal-komunita'.

**44.7.3** **<u>The Luzzu project draft paper (35/4607/22/I):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi din il-proposta jħoss illi ma għandna xejn x'nitilfu minna izda x'nigwadanjaw għaliex meta l-Kunsill kien irestawra iz-zewġ luzzijiet li għandna fil-lokal dawn ġew jiswewna ħafna flus, pero issa avviċinana is-Sur Rudy Muller li għandu l-art gallery fil-lokal u ltaqa mas-Sindku u jixtieq li hu flimkien ma team ta' artisti jgħatu embellishment in-naħa tal-promenade u bħala pilot project hu flimkien mal-artisti l-oħra jixtiequ li jagħmlu promotion fuq il-promenade u hu ħa l-okkazzjoni sabiex jissuġerixxi sabiex jirrestawraw dawn iz-zewġ luzzijiet u min naħa tagħhom oġbithom l-idea u talbu biss illi l-Kunsill iħallas għal materjal u hekk nkunu ħriġna b'ħafna irħas u jaħseb li għandna nmexxu b'dan il-proġett.

Is-Sindku qal illi l-quddiem għandna ukoll inzidu aktar restawr ta' luzzijiet oħra.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi is-sajf li għaddha avviċinawh xi nies illi qed jgħamlu riċerki biex izommu t-tradizzjoni tal-luzzijiet ħaj u tajjeb li jkellimhom forsi jingħaqdu flimkien.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu qed jara l- budget u hemm stima proġetata ta' €25,000

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu jħoss li dik hija stima baxxa ħafna biex tixtri luzzijiet oħra u tirrestawrahom.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi mhux ser nixtru luzzijiet izda nsibu dawk li mhumiex jintuzaw u nirrestawrawhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi hu ħaseb li ser isiru restawr fuq it-tnejn li għandna.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak xisuġerixxa hu, u jekk insibu xi luzzijiet oħra naraw li nirestawrawhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi ghandna nibdew nirestawraw it-tnejn li diġa għandna wara naraw li ix-xogħol isir la darba jsir dan indaħlu luzzu ieħor u niristawrawh u fil frattemp naraw kif ikunu baqgħu t-tnejn l-oħra għaliex ir-restawr huwa manutenzjoni li ma tieqaf qatt u għalkemm l-inizjattiva hija tajba ma jixtieqx li nitilqu niġru imbagħad inbatu l-konsegwenzi finanzjarji wara.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hemm affarijiet oħra li jistgħu jiġu restawrati mhux luzzijiet biss.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hemm ħafna bċejjeċ tal-baħar li jkunu mitluqin u ma jintuzawx u jkunu ser jintremew u hekk ser inkunu qed ngħamlu ix-xogħol b'xejn.

Is-Segretrarju Ezekuttiv qal illi għal darb'oħra ser jerġgħa jfakkar il Kunsill illi l-finanzi tal-Kunsill irridu nieħdu ħsiebhom ħafna qabel ma nerġgħu niġu kif konna u la dan iz-zmien jasal l-ewwel ħaġa li ser nerġgħu nibdu naħdmu fuqha hija l-infrastruttura cioe' bankini u toroq u għalkemm l-aspett estetiku huwa sabiħ mhuwiex prijorita' u ma jħossx li għandna nidħlu f'kuntratt ta' €25,000 xiri ta' materjal.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi l-Kunsill mhux ser jixtri luzzijiet għalhekk l-ispiza mhijiex ta' €25,000.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech staqsa għal estimated budget għal dan il-proġett.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar staqsa lis-Sindku jekk dawn l-artisti humiex ser jirrestawraw dawn il-luzzijiet bil-kuluri oriġinali tagħhom jew inkella b'xi pittura astratta.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dawn ser juzaw il-kuluri li kellhom fuqhom.

Il-Kunsillier Dr Errol Cutajar qal illi filwaqt li kulħadd għandu dritt li jesprimi lilu inifsu kif irid pero fuq il-luzzu għandhom jinzammu l-kuluri tagħhom.

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi skond l-budget stimat hemm imnizzel illi l-Kunsill għandu joħroġ €10,000 biex jinxtara l-materjal biex isir dan ir-restawr tat-tnejn li għandna flimkien mal-oħrajn li jirnexxielna notjenu.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi dak il-prezz hu tas-seba li huma.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi tajjeb ninfurmawhom illi aħna nteressati li nirrestawraw it-tnejn li għandna biss.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi anke hu jaqbel li jsiru tnejn biss.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ilna ngħidu li hemm bzonn li jsir embellishment tal madwar tal-luzzijiet li għandna speċjalment il-pedamenti u jħoss li nġibu stima fuq dawk li għandna għax hemm ċans li nsibu l xi ħadd b'irħas.

**44.7.4** **<u>Ċirk AKL 2022/111 connecting collegues (35/4797/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech informa lill Kunsill illi dan is-seminar sar illum.

**44.7.5** **<u>Request Meeting (35/4564/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi irċivejna korrispondenza mingħand residenti skalin fejn talbu li issir laqgħa mall-Kunsill kif ukoll infurmawna bl-inizjattiva li għaddejjha bħalissa.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dawn daħlu sistema li min imur jiġri u jimxi ikunu qed itellgħu punti li jissarfu f'punti u b'hekk huma jirregalaw ammont ta' siġar b'xejn skond il-punti akkumulati.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi hu diġa informa lill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud biex jidentifika post biex jitpoġġew dawn is-siġar.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu diġa identifikat sit fi Triq il-Blajjiet fejn hemm postijiet li hemm siġar biz-zokk mejjet s'issa identifika 20 konka fejn jistgħu jitħawwlu.

- ***<u>Il-Kunsillier Dr Patrick Camilleri daħal għal laqgħa fis-19:30.</u>***

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi nistgħu anke nħawwlu is-siġar ta' ġuda fi Triq ix-Xatt.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi importanti li ma nħawlux fejn hemm il-wires għaddejin dan minħabba li meta jikbru jispiċċaw jitħabblu mal-wires u nispiċċaw bil-problemi mal-Enemalta. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi għandhom jitħawwlu biss fejn hemm konok ezistenti.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech talab li tittieħed deċizjoni għal ġurnata meta tistgħa issir laqgħa magħhom.

Kien hemm qbil unanimu illi niltaqgħu magħhom siegħa qabel il-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar.

**44.7.6** **<u>Ġnien San Tumas kids area (electrogas) 35/4566/22/I:</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi l-electrogas iddeċiedew illi għal darb oħra jgħinu lill Kunsill u l-ħsieb huwa li titranġa l-area tat-tfal fi Ġnien San Tumas.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi ser jiltaqa magħhom is-sena li ġejja.

**44.7.7** **<u>PC4/22 (35/4640/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din hija applikazzjoni mingħand persuna li għandu id-dar f'kantuniera biex jigwadajna ftit mill-ġnien u jkun qed ibiddel l-alignment tal-ġnien.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fid-dokument prezentat ma hemmx informazzjoni.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi qed jidħol fil-PA tagħha u jidher li din qeda fi Triq il-kosbor u kif qal din qeda fil-kantuniera u jidher li din ilha li għaddiet minn Marzu li għaddha.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri kif ra il-pjanta qal illi hu ma jaqbilx.

Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud qal illi jħoss li hu tard wisq.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi lilna bgħatuwilna tlett ġimgħat ilu. Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi din l-area diġa hija dejqa ħafna kif inhi u ma jistgħa qatt jaqbel magħha.

Kien hemm qbil unanimu illi nibgħatu rapprezentazzjoni mill-Kunsill fdejn ngħidu illi la darba ser tintmiss parti mill-bankina li hi pubblika l-Kunsill ma jaqbilx.

**44.7.8 <u>Social Impact Assesment (35/4725/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi r-Reġjun qed jinforma lill Kunsill illi ser isir studju mill-Universita' b'kollaborazzjoni mall-Kunsilli u qed jinformaw lill Kunsill illi ser ikun hemm bzonn li l-Kunsill jikkolabora f'dan l-istudju.

Kien hemm qbil unanimu.

**44.7.9 <u>Platform (35/4795/22/I):</u>**

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi dan it-tower crane ilu li tneħħa mis-sajf u ma jistgħax jifhem għaliex dan il-platform għadha hemm u hu jippretendi li dan għandu jħallas fuqha kull ġurnata.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi diġa provajna inkellmuh pero għalxejn.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi għalkemm provajna xorta ma wasalnix pero jaqbel li dan għandu jħallas il-multi.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi fl-opinjoni tiegħu dan il-kuntrattur malli jerġgħa japplika għal tower crane ieħor ma ngħatuhx permess apparti li jħallas għal kull ġurnata li ħalla l-platform hemm.

Kien hemm qbil unanimu.

**44.7.10 <u>Marsaskala LC new prices from January 2023 (35/4743/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din hija korrispondenza li tlabna lill kuntrattur li għandna biex itina ir-rati sabiex tinġabar il-borza l-griza għas sena id-dieħla.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb li naraw kif ser nibqgħu fuq il-kuntratt il-ġdid imbagħad nitkellmu aktar tard.

**44.7.11 <u>Bankina fi Triq id-Daħla ta' San Tumas (35/4836/22/O) (35/4477/22/I)(35/4690/22/I):</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv qal illi din il-persuna xtrat sit fi Triq id-Daħla ta' San Tumas u qed titlob li ssir bankina fin naħa tagħha u hi qalet illi l-Kunsill irid jitfa applikazzjoni pero l-problema hija li hemm bankina fuq naħa waħda għal raġun u dan għaliex jekk issir bankina fuq iż-żewġ naħat il-karozzi ma jkunux jistgħu jipparkjaw u min naħa tiegħu informa lill Perit tagħha li dan mhux xogħol li għandu jagħmel il-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv kompla jgħid illi li dan għaliex l-ewwel darba dejjem saret min TM u ma jixtieqx li jsir l-istess zball li sar fi Triq Ħaż Żabbar li saret bankina ġdida biex imbad tkissret għaliex kien hemm pjan ieħor. Għalhekk hu ma jħossx li għandha issir bankina mill Kunsill, apparti min hekk ser jintilef ħafna mill-parkeġġ u għalhekk bħala Kunsill m'għandiex nidħlu f'din il-problema, issa jekk huma jridu jgħamluha għandhom jgħamluha min naħa tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi hu mar fuq il-post u l-bankina tidher li toqgħod pero jekk il-problema ser tkun ta' parkeġġ din hija storja oħra jew inkella issir bankina izgħar.

Is-Segretrarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi Infrastructure Malta mhux ser jgħamel bankina mhux fil-qis li suppost.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi ngħidulhom li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni kemm il-darba ma jintiflifx parkeġġ.

- ***Il-Kunsillier is-Sinjura Mary Rose Mifsud ħarġet mill-laqgħa fit-20:00.***

Il-Viċi Sindku s-Sinjorina Janice Falzon qalet illi ġibdulha l-attenzjoni li Triq Patri Wistin Born qed jitneħħew xi parkeġġi meta hi jidrilha li kellna nsaqsu l-TM għal *traffic management*.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tneħħa parkeġġ wieħed u saret tabella tal-give way għax kienu qed isiru ħafna aċċidenti u filfatt ir-residenti ser jgħamlu petizzjoni biex it-triq issir *one way*.

**44.8 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti:</u>**

**44.8.1** ***Il-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud ipprona l-approvazzjoni tal-pagamenti u l-Kunsillier is-Sur Patrick Camilleri issekonda. Il-votazzjoni kienet 6 favur, 0 kontra, 0 astenzjoni.***

**44.9** ***<u>Mozzjonijiet:</u>***

## 44.9.1 <u>Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B. Camilleri Mario Calleja u issekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (119 – 29/11/22):</u>

*"Jipproponi li wara li ilna nistennew iktar min 8 xhur u t-toroq tal-bidni baqgħu imħarbta wara xogħol nofs leħja li sar min kuntrattur madwar il-Bidni titieħed azzjoni konkreta biex dawn it-toroq jitranġaw illum qabel ghada. Dawn qed jikkawżaw dannu kbir lil kull min jagħmel użu min dawn it-toroq.''*

Is-Sindku qal illi irridu nirkbu jew Infrastructure Malta jew Water Services Coorporation

Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi li ġara hu dan min naħa tac-CEO Mr Ivan Falzon qal illi x- xogħol ser jitkompla minn wara Jannar u l-kuntrattur inbidel u ser jgħati l-aħħar saffa pero fuq Triq il-Bidni tajjeb li nibgħatu lil Water Works.

Kien hemm qbil li nibgħatu email lil Water Works.

44.9.2 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B. Camilleri Mario Calleja u issekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (120 – 29/11/22):**

"Jipproponi li l-Kunsill jerġa jbda joħroġ ir-rivista tal-Kunsill.''

Is Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi hu jaqbel li issir online minħabba l-ispejjes.

Is-Segretarju is-Sur Josef Grech qal illi tajjeb li ssir online għalkemm teskludi xi ftit anzjani.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal imqar isiru ftit kopji.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi xorta titla l-ispiza.

44.9.3 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B. Camilleri Mario Calleja u issekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (121 – 29/11/22):**

*''Jipproponi li jekk u meta jkun hemm PQ's li jistaqsu informazzjoni mill-Kunsil fuq Marsaskala aħna għandna nkun nfurmati bihom''.*

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal tajjeb li jekk ikun hemm PQ fuq il-lokal tajjeb li l-Kunsilliera jkunu nformati għaliex xi ġid jista joħroġ minnha.

Kien hemm qbil unanimu.

44.9.4 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- s-Sur John B. Camilleri Mario Calleja u issekondata mis-Sindku is-Sur Mario Calleja (122 – 29/11/22):**

"Jipproponi sabiex il-kunsill jieħu d-deċiżjonijiet meħtieġa sabiex jitranġaw in-nuqasi-jiet li hemm fiż-Żonqor madwar il-Pixxina. Fostom il-fanali ornamentali jinstabu fi stat ħażin ħafna, l-ħadid li hemm imwaħħal jinstab fi stat ħażin u fih ħafna sadid, *s-soft area* għanda bżonn dawra tajba bħall tindif ta' ħaxix ħażin u tranġar ta' kurduna''.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal illi madwar il-Kunsill tal-Ewropa aħna bħala Kunsill ma konniex qed ngħamlu manutenzjoni fuq id-dawl peresli ħsibna li ser tiġi devoluta lil Sadeen Group u hemm il-globi ornamentali d-detorjoraw u ma jistgħux jiġu rranġati anke jekk hu favur ħafna l-manutenzjoni dawn huma spiċċuti u anke r-railing u irid isir xi ħaġa.

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi tajjeb isir rapport tajjeb u nibgħatuh lill MTA.

44.9.5 **Mozzjoni mressqa mill-Kunsillier- is-Sur Charlot Mifsud u issekondata mis-Sindku s-Sur John B. Camilleri (123 – 1/12/22):**

"Jipproponi illi jsiru xi tabelli biex ma jidħlux karozzi jew jittieħdu mizuri oħra sabiex max-xiefer tal-moll il-ġdid li sar fi Triq San Ġorġ in-naħa ta' ġewwa fejn jipparkjaw ħadna karozzi isir xi tip ta lqugħ max-xifer għaliex qiegħed ta periklu għal vetturi li jkun hemm.''

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi r-railing lest u ser jitwaħħal.

Il-Kunsillier is-Sur John B Camilleri qal titla issir tabella no entry ħlief għar-residenti.

Is-Sindku qal illi konna għamilna *U shaped barrier* u kien hemm persuna disabli li tmur tgħum u konna għinih billi għamilna bollard li hu setgħa jneħħi biex jinzel jgħum pero kien hemm xi ħadd li din ramiha l- baħar għalhekk tajjeb nkellmu l ħadid tal-Kunsill forsi jsib soluzzjoni.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

**44.9.6** **<u>Mozzjoni mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (124 – 6/12/22):</u>**

*"Jipproponi sabiex il-BCRS unit li hemm fejn il-public convenience ta' taħt il-Knisja titneħħa immedjatament u dan għal fatt illi biex tpoġġiet hemm, tneħħew xi kontenituri tal-ħġieġ u baqa` waħda biss li mhux qed tlaħħaq mad- domanda tar-residenti u b'hekk ta kulljum qed nispiċċaw muntanja ħġieġ. Fl-opinjoni tiegħi din għanda titpoġġa ħdejn l-ekx pixxina''*

Is-Sindku qal illi li qed jiġri hu li l-bin meta tkun mimlija qed jitfaw il-flixken madwarha u qed ikun hemm ħafna ħmieġ u jeħtieġ inkellmuh biex din il-BCRS joħodha iz-Zonqor qabel ma tidħol għal parkeġġ tal-pixxini fejn kellna l-BIS qabel.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi din xorta ħa tieħu iz-zmien biex issir.

Is-Sindku qal illi dan il-kuntrattur mhux jimxi sew mall-Kunsill.

Is-Segretarju Ezekuttiv is-Sur Josef Grech qal illi kif mhux ser isibu kontenituri ser jitfaw aktar ma l-art.

Is-Sindku qal illi l-Kuntrattur qallu li għandu mutur li qed idur mal Lokal biex inaddaf pero dan mhux minnu. Is-Sindku qal illi fl-aħħar mill-aħħar il-Kunsill mhux jieħu l-ebda kumpens.

Kien hemm qbil li nkellmu lil Kuntrattur sabiex ineħħi l-BCRS min ħdejn il-Knisja b'mod immedjata u sakemm iġib il-permess il-ġdid biex jitpoġġew ħdejn iz-Zonqor din tingħalaq.

**44.9.7** **<u>Mozzjoni b'urġenza mressqa mis-Sindku s-Sur Mario Calleja u issekondata mill-Kunsillier is-Sur Charlot Mifsud (125 – 6/12/22):</u>**

Is-Sindku s-Sur Mario Calleja qal illi kellmuh xi residenti u infurmawh illi l-abbuz xorta qed isir u ma jridx li jkun hemm xi inċident fatali. Hu mar fuq il-post u qed jisuġerixxi li titwaħħal mera mall-biċċa art li tħares lejn Triq il-Vjola u jsiru anke tlett humps fi tlett kantunieri u fi Triq il-Lampuka jisuġerixxi li fej tispiċċa l-bankina jinzebaħa junction bl-isfar biex fuqha ma jipparkjawx .

Kien hemm qbil li napplikaw għal humps ma TM.

**44.10** **<u>Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Il-laqgħa tal-Kunsill li jmiss ser issir Nhar it-Tlieta 17 ta' Jannar 2023 fis-6:00pm.

Ikkonfermat illum 14 ta' Novembru 2022.

| | |
|---|---|
| _______________ | ________________ |
| **Josef Grech** | **Mario Calleja** |
| **Segretarju Ezekuttiv** | **Sindku** |